MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2007

Numru. 426/2007

Il- Pulizija
(Spettur Marisa Camilleri)

-vs-

Ludwig Scicluna

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Ludwig Scicluna detentur tal- karta ta’ l- identita’ bin- numru 464577M ta’ 30 sena bin Joseph Mary u Carmen nee’ Cilia mwieled Pieta’ fil- 25 ta’ Awissu 1977 u residenti 66, Mario House, Dragon Street, Qormi.

Talli fit- 12 ta’ Mejju, 2007 ghall- habta tat- 08.30hrs gewwa Hal Qormi bil- hsieb li jaghmel delitt u cioe’ jikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ l- ex mara Mariella Scicluna, wera dan il- hsieb b’ atti esterni u ta’ bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt meta filwaqt li kellu l-

kontroll u/jew kien qieghed isuq vettura nurmu ta’ registrazzjoni HAL 469 saq fid- direzzjoni tal- imsemmija persuna liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil- volonta` tieghu.

Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti hfief fuq il- perusna ta’ Mariella Scicluna skond kif iccertifika Dr. M. Schembri M.D. il- klinika ta’ Hal Qormi.

Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l- istess vettura nurmu HAL 469 b’ sewqan eccessiv u b’ manjiera traskurata, negligenti u perikoluza.

Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, hedded bi kliem lil Mariella Scicluna.

Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il- paci pubblika b’ ghajjat u glied u qal kliem oxxen u indicenti fil- pubbliku.

Il- Qorti giet gentilment mitluba illi f’ kaz ta’ htija tiskwalifika lill- imsemmi Ludwig Scicluna milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas- sewqan ghal- perjodu li l- Qorti jidhrilha xieraq.

Il- Qorti giet ukoll mitluba illi f’ kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta tal- istess Mariella Scicluna billi torbot lil hati b’ obbligazzjoni taht penali ta’ somma flus li l- Qorti jidrilha xierqa.

Il- Qorti giet ukoll mitluba tohrog ordni ta’ protezzjoni u/jew ordni ta’ trattament fil- konfront ta’ Ludwig Scicluna u dan skond l- artiklu 412(c) u 412(d) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigitrattat bi proceduri sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat wiegeb li huwa mhux hati ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli 41, 214, 216, 221, 338(dd) u 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat u l-parte civile, Mariella Scicluna, huma mizzewgin pero legalment separati. Huma ghandhom tifel minuri li jghix ma'l-omm. L-incident mertu tal-kawza inqala meta fit-12 ta' Mejju 2007 l-imputat kien qed jirritorna lill-minuri ghand martu wara li kien ezercita l-access favur l-istess minuri.

Illi mill-atti jirrizulta li l-gurnata ta' qabel, meta l-imputat mar biex jigbor lit-tifel, kien hemm diverbju bejn l-imputat u martu fuq it-telefon pero dak li ntqal jew gara fil-11 ta' Mejju mhux mertu ta'l-imputazzjonijet odjerni li jirreferu b'mod specifiku ghal dak li gara nhar it-12 ta' Mejju 2007.

Illi m'hemmx kontestazzjoni li fit-12 ta' Mejju inqala incident bejn il-konjugi Scicluna; il-kontestazzjoni hija dwar kif sehh l-incident u l-gravita tieghu.

Illi Mariella Scicluna tghid li meta l-imputat kien qed isuq fit-triq fejn toqghod biex jirritorna lit-tifel hija nizlet mill-bankina fit-triq u l-imputat saq ghal fuqha u ghadda minn ma' saqajha. Kien biss ghax telghet lura fuq il-bejniethom, bdew jghajjtu u f'xi hin (meta kien ghadu fil-karozza) l-imputat anke qallha "irringrazzja 'l Alla li m'ghollejtkx ma' l-ostja". Mariella Scicluna mbaghad dahlet gewwa pero l-imputat irnexxielu jidhol warajha u hemm ta' daqqa ta' sieq hareg u waddab il-*garbage bag* li kien hemm barra l-bieb gewwa l-indana tad-dar.

Illi l-imputat jghati versjoni kemm xejn differenti. Fil-waqt li jammetti li minhabba il-konfigurazzjoni tat-triq u vettura ohra fit-triq huwa kien kostrett jigbed ghan-naha tal-bankina u fil-waqt li jammetti wkoll li anke ta daqqa ta' sieq fuq il-*garbage bag* u li fil-hin ta' l-incident kien hemm

ghajjat u storbju, min-naha l-ohra jichad l-allegazzjonijiet l-ohra kollha maghmula minn martu Mariella Scicluna.

Illi fir-rigward ta'l-versjoni mghotija mill-imputat l-Qorti thoss li huwa relevanti li l-imputat jikkontradixxi lilu niffsu f'dak li ghandu x'jaqsam mad-dinamika ta' l-incident meta kien ghadu qed isuq. Meta huwa kien qed jghati l-versjoni tieghu lis-surgent[1] u meta kien qed jirilaxxja l-istatment lill-ispettur Camilleri[2] huwa qal li Mariella Scicluna kient nizlet mill-bankina fit-triq. Waqt id-depozizzjoni[3] tieghu pero hu cahad li f'xi hin martu nizlet mill-bankina; hu qal li hija kienet qisha ser tinxel minn fuq il-bankina pero ma nizzlitx. Din il-kontradizzjoni tinfluwixxi fuq il-kredibilita ta' l-imputat.

Illi l-ewwel akkuza hija dik ta' attentat ta' ferita gravi. Biex jissusisti dan ir-reat il-prosekuzzjoni ghandha tipprova li l-imputat kellu l-intenzjoni specifika li jikkawza ferita grava fuq persuna ohra, f'dan il-kaz Mariella Scicluna[4]. Fi kliem iehor irrid jirrizulta mill-provi li l-imputat jew ried jaghmel hsara fil-gisem ta' Mariella Scicluna, jew li ghalkemm ma riedx jaghmel hsara ippreveda l-possibilta li b'dak li kiem ser jaghmel seta' jikkaguna l-hsara u ghalkemm ma riedx jikkaguna l-hsara, kien indifferenti ghall-konsegwenza ta' ghemilu b'mod li xorta ghamel l-att li seta jikkaguna l-hsara[5].

Illi mill-atti jirrizulta li fil-hin ta' l-incident l-imputat kien qed jirritorna lit-tifel ghand Mariella Scicluna bil-karozza. Il-Qorti ma ssib xejn stramb fil-fatt li biex jaghmel hekk u cioe meta jigi biex jwaqqaf l-imputat kellu jersaq kemm jista' jkun vicin tal-bankina. Illi l-unika prova okkulari li kellha l-prosekuzzjoni kienet l-istess Mariella Scicluna pero mid-depozizzjoni taghha ma tohrogx dik l-intenzjoni kif fuq spjegata fil-grad rikjest mill-Ligi.

[1] Ref Dok MC2 a fol 23
[2] Ref Dok MC1 a fol 20
[3] Ref xhieda a fol 40
[4] Ref Pulizija vs Mariano Camilleri Appell Kriminali 08.02.2002
[5] Ref Pulizija vs Joseph Zahra Appell Kriminali 10.05.2002

Illi t-tieni akkuza hija dik ta’ ferita hafifa fuq il-persuna ta’ Mariella Scicluna. F’dan ir-rigward mill-atti jirrizulta li l-ferita li soffriet Mariella Scicluna tista tkun kompattibli ma daqqa ta’ sieq u ghalkemm l-imputat cahad li huwa ta’ daqqa lill martu l-Qorti hija tal-fehma li tista tghati kredibilita lill-versjoni mghotija mill-parte leza u konsegwentment issib lill-imputat hati ta’ din l-akkuza.

Illi t-tielet akkuza u cioe dik ta’ sewqan bi speed eccessiv, u sewqan b’manjiera traskurata, negligenti u perikoluza. Din l-imputazzjoni hija konnessa ma’l-ewwel imputazzjoni u hawn ukoll mill-atti ma jirrizultawx dawk il-povi sal grad rikjest mill-Ligi biex il-Qorti tkun f’pozizzjoni li issib htija fil-konfront ta’ l-imputat.

Illi fir-rigward tar-raba u l-hames akkuzi l-Qorti m’ghandha l-ebda dubbju li kien hemm ghajjat u glied li wassal ghall-ksur tal-paci pubblika. Pero ghal dak li jirrigwarda l-kliem ta’ theddied (ir-raba akkuza) u kliem oxxen u indicenti (parti mill-hames akkuza) l-Qorti hija tal-fehma li lanqas dan ma gie pruvat.

Illi anke jekk wiehed joqghod esklussivament fuq id-depozizzjoni tal-parte leza u jwarrab ic-cahda ta’l-imputat dan il-kliem ma jirrizultax. Fid-depoizzjoni taghha Mariella Scicluna semmiet kliem ta’ theddied pero dak il-kliem intqal fil-konverzazzjoni telefonika li kellhom l-konjugi Scicluna fil-11 ta’ Mejju 2007. L-imputazzjoniniet odjerni jirreferu ghall-incident li sehh fit-12 ta’ Mejju meta l-imputat kien qed jirritorna lit-tifel.

Illi in oltre l-unika kliem li Mariella Scicluna allegat li qal l-imputat fit-12 ta’ Mejju 2007 huwa “irringrazzja ‘l Alla li m’ghollejtekx ma l-ostja”. Minkejja li dan il-kliem huwa infelici ghall-ahhar u ghall-kollx inopportun ma jikkostitwiex kliem oxxen u indecenti.

Illi ghalhekk minn dawn iz-zewg akkuzi jirrizulta biss dik ta’ ksur ta’ paci pubblika b’ghajjat u glied.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 221(1) u 338(dd) issib lill-iputat hati tat-tieni imputazzjoni u taghha tikkundannah multa ta’ mitt lira Maltija (Lm100.00), issibu hati ukoll ta’ l-ewwel parti tal-hames imputazzjoni u cioe dik ta’ ksur tal-paci pubbliku u taghha tikkundannah ammenda ta’ ghoxrin lira Maltija (Lm20.00). Il-qorti ma ssibx lill-imputat hati ta’ l-ewwel, it-tielet u r-raba imputazzjonijiet u tat-tieni parti tal-hames imputazzjoni u minnhom tilliberah.

In konkluzzjoni l-Qorti, tenut kont tal-fatt li mill-atti jirrizulta li fil-mori tal-proceduri tjiebu ir-relazzjonijet bejn il-konjugi Scicluna u l-access qed jigi ezercitat minghajr incidenti, hi tal-fehma li m’hemmx il-htiega ta’ xi provvediment ai termini ta’l-artikoli 383 u 412C tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------